# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu 2016**

**Numru 8**

**Rikors numru 1393/03 NC**

**Carmen Spiteri**

**v.**

**Renald sive Renato Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ippremettiet:

> "Illi l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Mejju 1982 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal izda l-konjugi addottaw tifla imsemmija Mattea Cristina, li ghadha minorenni;
>
> "Premess illi l-hajja konjugali ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli u dan b'tortijiet imputabbli ghall-konvenut;
>
> "Premess illi l-hajja konjugali ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli u dan b'effett ta' l-omosesswalita` tal-konvenut, ta' minacci, sevizzi, eccessi, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut;

"Premess illi l-konvenut anke naqas mill-obbligu tieghu li jghin fil-manteniment ta' martu u bintu billi minn nofs is-sena 2000 waqaf jghaddi manteniment kemm ghar-rikorrenti kif ukoll ghat-tifla minuri u dan minkejja li huwa ghandu u jmexxi negozju;

"Premess illi d-dar matrimonjali, "The Templar's Lodge", Triq Burlemaque, Birzebbugia, hija proprjeta` parafernali tal-attrici;

"Premess illi fit-28 ta' Awwissu 2003 l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-partijiet li jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni personali;

"Premess illi minkejja li l-attrici issuggeriet diversi proposti sabiex il-likwidazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti issir bil-ftehim bejn il-partijiet izda l-konvenut ma jaccetta l-ebda proposta;

"Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. "Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Spiteri ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut;

2. "Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha u ghat-tifla minuri Mattea Cristina;

3. "Taghti u tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Mattea Cristina lill-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut;

4. "Tiffissa dak l-access li l-konvenut ghandu jkollu ghat-tifla minuri Mattea Cristina li dina l-Qorti jidhrilha xieraq;

5. "Tiddikjara xolta il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skond il-ligi u billi l-konvenut jigi dikjarat unikament u esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti minn dik id-data;

6. "Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 tal-Kodici Civili;

7. "Teskludi lill-konvenut mit-tgawdija u abitazzjoni fil-fond "The Templar's Lodge" Triq Burlemaque, Birzebbugia li huwa l-fond matrimonjali u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali b'mod esklussiv, liema fond huwa anke proprjeta` parafernali tal-attrici.

"Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla – kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni".

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagha eccepixxa:

"1. Illi l-esponenti jaqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti spicca irremedjabilment, izda huwa jikkontesta it-talbiet attrici stante li hu ma jaqbilx illi l-istess zwieg tfarrak b'tortijiet tieghu, kif allegat fl-istess citazzjoni.

"2. Illi huwa ma jsib ebda oggezzjoni li jhallas manteniment ghal bintu sakemm tilhaq l-eta` maggorenni izda ma jhossx li ghandu jhallas ebda manteniment lejn l-attrici u dan ghar-ragunijiet li sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fosthom ghaliex l-attrici hija persuna f'sahhitha, kapaci u tista' tohrog tahdem, kif fil-fatt gia` taghmel, u ghandha gia` mezzi finanzjarji taghha tajbin hafna.

"3. Illi lanqas ma jsib oggezzjoni l-kura u l-kustodja tat-tifla, li ghadha minorenni, tigi affidata lill-attrici purche` ikollu access liberu ghaliha.

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-21 ta' Novembru 2014 illi iddecidiet il-kawza hekk:

"Jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Mejju 1982, u f'dan iz-zwieg giet addottata t-tifla Marija li llum hija maggjorenni. L-attrici tinnegozja fil-proprjeta' flimkien ma' hutha u missierha li hu kuntrattur, filwaqt li l-konvenut jiggestixxi *hairdressing salon*.

"Fis-sena 1999 il-konvenut dahal id-dar xurban u informa lill-attrici li psikologu kien informah li hu omossesswali. L-attrici rreagixxiet ghal dan billi pprovat izzomm dan il-fatt mistur "minhabba li kellna t-tifla u ma rieditx li din issir taf b' dan". L-attrici tghid li "jien kont ipprovajt nibqa' ghaddejja b'hajti normali pero' ma kienx possibbli."[1]

"Minn dak iz-zmien 'il quddiem, minkejja t-tentattivi maghmula mill-attrici sabiex tipprova ssalva z-zwieg, ir-relazzjoni konjugali bejniethom fejn jidhlu r-relazzjoni intimi bdiet tiddghajjef u f'nofs is-sena 2000 l-konvenut telaq mid-dar konjugali u dahal f'relazzjoni ma'

[1] Cit.663/03 – pga.4 tas-sentenza

ragel iehor. Sussegwentement fis-sena 2006 telaq jghix barra minn Malta, u dahal f'relazzjoni miftuha ma' rgiel ohra.

"Minn naha taghha l-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali, proprjeta' parafernali taghha, flimkien mat-tifla li, pero' wara li din saret maggjorenni u kellha tarbija, eventwalment marret tghix ghar-rasha. It-tifla baqghet izzomm relazzjoni tajba ma' missierha li minn naha tieghu kien regolarment jghinha finanzjarjament.

*"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Il-Qorti tosserva li, minkejja li mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien konxju tat-tendenza omosesswali tieghu, huwa xorta wahda zamm ir-relazzjoni tieghu mal-attrici u dahal fi zwieg maghha, u sas-sena 1999 ma jidherx li kien hemm xi problemi matrimonjali serji. Izda minn dak inhar minkejja t-tentattivi tal-attrici biex, tinjora din il-kwalita' inerenti f'zewgha u tkompli bil-hajja matrimonjali u b' hekk ssalva z-zwieg, il-komportament tal-konvenut kien tali li l-hajja matrimonjali kienet saret impossibbli principalment minhabba hbiberiji da parti tal-konvenut ma' rgiel tal-istess orientament sesswali tieghu u b'mod partikolari r-relazzjoni li dan kellhu ma' habib Ingliz. Ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet aggravat sa tal-punt li f'nofs is-sena 2000 l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u eventwalment dahal f'relazzjoni ma rgiel ohra.

"Il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

"[1] Li, ghalkemm il-konvenut kien dahal ghaz-zwieg meta kien konxju tat-tendenzi omossesswali tieghu, dan il-fatt wahdu, ghalkemm wassal sabiex eventwalment iz-zwieg jigi didkjarat null, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-konvenut jahti ghas-separazzjoni, kif lanqas iwassal ghall-konkluzjoni li d-data tal-firda ghandha tkun id-data taz-zwieg. Di fatti l-partijiet ghexu l-konvivenza matrimonjali ghal circa 18-il sena li matulhom addottaw tifla, u mill-provi ma jirrizultax li sas-sena 1999 il-partijiet irriskontraw problemi fiz-zwieg taghhom. Kien biss fis-sena 1999 meta l-konvenut ikkonfessa mal-attrici li hu omossesswali, li z-zwieg taghhom beda jixxaqqaq, sakemm fl-ahhar il-konvenut telaq mid-dar konjugali.

"[2] Kien il-komportament tal-konvenut li wassal ghat-tkisser taz-zwieg bil-hbiberiji li kellu ma rgiel tal-istress orjentament sesswali tieghu u b' mod partikolari ragel anzjan ta' nazzjonalita' Ingliza. Dan il-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, jikkostitwixxu kemm 'sevizzi' kif ukoll 'ingurja gravi' fit-termini tal-artikolu 40 fuq citat, stante li kien irrenda insapportabbli l-konvivenza bejn il-partijiet. Dan il-kompartament abbusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu huwa fil-fehma tal-Qorti tant serju li ghandu jattira fil-konfront tieghu u fl-intier tieghu l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap.16

"[3] Minn naha tal-attrici din il-Qorti ma tara xejn x' ticcensura, u l-komportament taghha fi zwieg, anke meta l-konvenut kien qallha li hu

kien omossesswali, kien wiehed pozittiv fis-sens li, ghal beneficju tat-tifla taghhom, kienet ippreparata tkompli bil-konvivenza matrimonjali b' tentattiv li ssalva z-zwieg.

"Ghaldaqstant il-htija tal-firda hija esklussivament attribwibbli lill-konvenut, u ghall-finijiet tal-artikolu 48 tal-Kap.16 il-Qorti qed tiffissa d-data tat-31 ta' Dicembru 1999 bhala d-data tal-firda u tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

"**Kura u Kustodja**

"Illum il-gurnata t-tifla hija maggjorenni, u ghalhekk it-talbiet dwar kura u kustodja taghha, l-access favur il-missier u l-manteniment ghaliha, huma llum sorvolati.

"**Komunjoni tal-Akkwisti**

"Din tikkonsisti kemm f'assi mobbli, inkluzi ghamara u flus investiti, kif ukoll assi immobbli. Qabel ma din il-Qorti tghaddi ghall-likwidazzjoni tal-assi, ser titratta l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenut fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu wara li gie pronunzjat l-annullament taz-zwieg.

"Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut li jghid li, ladarba z-zwieg gie dikjarat null, allura m'hemmx assi tal-komunjoni tal-akkwisti x'jigu spartiti bejn il-partijiet, imma hemm biss proprjeta' li tappartjenti pro indivizo lill-partijiet fi kwoti wgwali. Il-Qorti tosserva li jirrizulta u wkoll gie gudizzjarjament stabbilit fis-sentena tal-annullament li l-attrici kienet dahlet fiz-zwieg in *bona fide*, filwaqt li l-konvenut kien tqarraq biha billi zamm mistura t-tendenzi omossesswali tieghu, u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-artikolu 20[1] u [3], ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu"[2] fil-konfront tal-attrici. Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u <u>li ghadha tezisti dwar dak l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom</u>.

"Ghalhekk mhuwiex kaz li ser issir divizjoni normali ta' assi li l-partijiet ghandhom in komuni, izda ser issir likwidazzjoni u divizjoni ta' assi li jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti putattiva[3]. Dan mhux biss jirradika l-kompetenza ta' din il-Qorti, imma wkoll jirrendi applikabbli d-dispost tal-artikolu 48 tal-Kap.16. Kif diga' gie deciz minn din il-Qorti "gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsekk skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48[1][c] tal-kap.16. fi kliem iehor din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex imbaghad

[2] Art.20[1] – Kap.255
[3] Ara Cit.2613/98 PA [NC] Stellini vs Tabone, deciza 31/01/2008

tidditermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-artikolu precitat…”[4]

“Ghaldaqstant kemm l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza ta’ din il-Qorti, kif ukoll l-eccezzjoni li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma baqghux jitqiesu bhala tali wara l-annullament, ma jreggux legalment, u ser jigu michuda.

“Rigward il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-proprjeta’ tal-komunjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet relevanti ghall-materja u li ghandhom valur determinanti fir-rizoluzzjoni ta’ dan l-aspett tal-kawza.

“Illi l-attrici gejja minn familja ta’ nies li jinnegozzjar fil-proprjeta’ bl-ghajnuna wkoll finanzjarja ta’ missierha Paul Camilleri. Di fatti sa qabel iz-zwieg id-dar li serviet bhala d-dar matrimonjali kienet lesta minn kollox u ghalhekk hi parafernali tal-attrici. L-attrici kompliet tippartecipa f’dan in-negozju flimkien mal-familjari taghha anke wara z-zwieg, u sa mill-bidu nett taz-zwieg il-partijiet qabblu li l-konvenut jaghtiha prokura generali sabiex jiffacilita n-negozju li kienet baqghet taghmel l-attrici. Inoltre, irrizulta nkontestat, u accettat fuq bazi tal-verosimiljanza, li l-konvenut, li kien jiggestixxi *hairdressing salon* b ‘ introjtu settimanali ta’ ta’ bejn LM250 u LM350 fil-gimgha, kien jaghti l-introjtu kollu tieghu lill-attrici li kif jghid hu kienet tiehu hsieb il-finanzi kollha tal-partijiet.

“Ghalhekk, filwaqt li hu minnu li matul iz-zwieg l-attrici nnegozjat fil-proprjeta’ bl-ghajnuna ta’ missierha, u li parti minn din il-proprjeta’ dahlet fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa daqstant minnu li hi ghamlet uzu wkoll mill-introjtu regolari li kien idahhal il-konvenut mix-xoghol tieghu. Ghaldaqstant dak kollu li gie akkwistat mill-partijiet, inkluza l-proprjeta’ jew ishma fil-proprjeta’ akkwistati mill-attrici fil-perijodu li jestendi mid-data taz-zwieg fis-16 ta’ Mejju 1982 sal-31 ta’ Dicembru 1999, id-data tad-dekadenza tal-konvenut skond l-artikolu 48, dahal fil-komunjoni tal-akkwisti u ghal finijiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ghandhom jigu regolati skond in-normi li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti. Dan ifisser li l-atttiv u passiv akkumulat mill-partijiet matul l-imsemmi perijodu ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“*<u>Immobbli</u>*

“Rigward l-immobbli l-Qorti tosserva li fix-xhieda[5] tieghu l-konvenut accetta bhala veritier l-elenku tal-proprjeta immobbli elenkata mill-attrici fid-dokument markat Sdeda A[6] li kopja tieghu qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess [Appendici A]. Minn naha taghha l-attrici prezentat b’ mod dettaljat fl-imsemmia

---

[4] Cit.1578/2001/1 - Q.F [NC] Edward De Gaetano v Johanna De Gaetano, deciza 26 Jannar 2012, u kazistika hemm citata

[5] Vol.2 – Fol.447

[6] Fol.38 sa 41

dokument id-deskrizzjoni tal-postijiet, id-data tal-akkwist taghhom, is-sehem tal-konjugi f'dawn il-proprjetajiet, l-ispejjez inkorsi ghall-akkwist taghhom, is-sehem tal-konvenut bhala kompartecipi fi kwoti wgwali fil-komunjoni tal-akkwisti, u d-dejn dovut fuq dawn il-proprjetajiet, rapprezentanti dan id-dejn flus mahruga minn missierha Paul Camilleri biex jigu sostnuti l-akkwisti li saru matul iz-zmien.

"Jigi osservat ukoll li d-dejn indikat mill-attrici fl-imsemmija skeda li tifforma parti minn nota guramentata taghha ma giex konfutat bi provi li juru l-kuntrarju, anzi fl-imsemmija depozizzjoni tieghu l-konvent jghid li u ma jafx min hareg il-flus ghal akkwist ta' dawn il-proprjetajiet hu kien qed jaccetta bhala veritier l-imsemmi l-elenku tal-proprjeta' prezentat mill-attrici. Minn naha taghha l-attrici tat-spjegazzjoni dettaljata tal-akkwisti li hi kienet ghamlet flimkien ma' hutha bl-ghajnuna finanzjarja ta' missierha. Dan il-fatt gie ukoll konfermat minn huha Leone Camilleri fl-affidavit tieghu fejn ikkonferma li, ghalkemm il-proprjeta' kienet giet akkwistata fuq isimhom it-tfal, izda kien missierhom li kien johrog il-flus ghal dawn l-akkwisti. Ghalhekk din il-Qorti, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, hi tal-fehma li d-dejn indikat fuq d-dokumenti Skeda A jirrizulta sodisfacentement provat.

"Rigward il-valur tal-immobbli indikati f'din l-Skeda, il-Qorti taghmel referenza ghar-rapporti[7] tal-perit gudizzjarju l-AIC Mario Cassar u, in difett ta' ragunijiet li juru l-kuntrarju, taddottahom fl-intier taghhom. Il-valur totali tal-proprjeta' li sehem minnha tappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti huwa ta' €6,258,512, nieqes €128,150 li tirrapprezenta valur ta' sehem indiviz minn garaxx fi Triq San Anard, Tarxien [partita nur.19] peress li dan is-sehem kien gie akkwistat fit-13 ta' Frar 1979 qabel iz-zwieg. Kopja tal-elenku tal-proprjeta' stmata mill-perit gudizzjarju qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess [Appendici B].[8]

"Ghaldaqstant tenut kont tal-premess il-Qorti tordna li, l-attrici tghati lill-konvenut somma rapprezentanti nofs il-valur ta' sehmha mill-proprjetajiet fuq indikati, hlief il-garage ta' Triq San Anard fuq indikat, u dana jekk fi zmien sena millum il-partijiet ma jifthehmux dwar pjan ta' qasma rigward l-immobbli.

"*Mobbli*
"Dawn jinsabu elenkati mill-attrici fid-dokumenti markati Skeda B li kopa taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess. [Appendici C][9] Il-konvenut jaqbel ma dan l-elenku[10] u li dawn jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jghid pero' li qabel iz-zwieg huwa hareg LM4,995 biex xtara l-kcina, u LM2,950 biex xtara kamra tas-sodda. Jghid li fiz-zwieg il-kcina nbidlet, u nxtrat kcina ohra li swiet lill-komunjoni tal-akkwisti s-somma

[7] Fol.126 *et seq*. u Fol.215 *et seq*.
[8] Vol.1 Fols.236-237
[9] Vol.1 – Fols.42 - 53
[10] Vol.2 – Fol.447

ta’ LM6,500[11]. Ma jirrizultax li dan il-fatt gie kontestat, u ghalhekk il-Qorti qed taccetta din il-verzjoni tal-konvenut bhala veritiera. Dan ifisser li l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti ghas-somma ta LM7,945[12] illum ekwivalenti ghas-somma ta’ €18,512.

“Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qed tassenja lill-attrici l-mobbli kollha indikati fl-iSkeda B, tordna li l-istess attrici thallas lill-konvenut nofs il-valur tal-oggetti hemm elenkati u skond il-valuri hemm indikati. Inoltre tordna lill-istess attrici sabiex thallas lill-konvenut is-somma ta’ LM3,972[13] ekwivalenti ghal €9,256.

“Tassenja lill-konvenut il-vettura Volkswagen Golf, u tordna lill-istess sabiex ihallas lill-attrici nofs il-valur taghha llum, liema valur, in mankanza ta’ ftehim bejn il-partijiet ghandu jigi komputat minn Joseph Zammit li qed jigi nominat minn din il-Qorti bhala espert tekniku ghal dan l-iskop bi spejjez ugwali bejn iz-zewg partijiet.

“*Kontijiet Bankarji u Ishma f’Kumpaniji*
“Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza u taddotta l-prospett markat Skeda C prezentat mill-attrici li juri l-kontijiet bankarji u l-kumpaniji li fihom l-attrici ghandha sehem u li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess. [Appendici D][14]

“Salv ghaz-zewg kontijiet bankarji depozitati fil-Bank APS li huma fuq isem *The Rumanian Baby Campaign*, il-kumplament tad-depoziti bankarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-valur ta’ nofs l-ishma tal-attrici fl-kumpaniji hemm indikati ghandu jinghata lill-konvenut. Fil-kaz li l-partijiet ma jaqblux dwar il-valur ta’ dawn l-ishma, huma jistghu jitolbu lil din il-Qorti sabiex tinnomina ghal dan il-ghan espert komputista, a spejjez taz-zewg partijiet.

“*Manteniment*
“Mill-premess jirrizulta car li fic-cirkostanzi mhux il-kaz li l-konvenut jhallas retta alimentarja lill-attrici.

“Rigward il-manteniment ghat-tifla minuri jrrizulta nkontestat li fit-29 ta’ Awissu 2003 il-konvenut kien gie ordnat mill-Qorti ihallas lill-attrici manteniment ghat-tifla minuri fl-ammont ta’ LM50 fix-xahar, liema manteniment qatt ma thallas lill-attrici.

“Minn naha tieghu l-konvenut jammetti li hu qatt ma hallas manteniment lill-attrici ghat-tifla minkejja l-imsemmija ordni tal-Qorti, u minekkja li l-attrici kienet tiehu hsieb il-minuri u thallas ghal bzonnijiet taghha. Ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ LM2,858 illum ekwivalenti ghal €6,657.35 rapprezentanti

[11] Ibid
[12] LM4,995 + LM2,950
[13] LM7,945 ÷2
[14] Vol.1 Fol.54

ammont ta' manteniment dovut minnu lill-attrici ghall-perijodu li jestendi mit-28 ta' Awissu 2003 sal-15 ta' Mejju 2008.

"F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenut jghid li hu ma kienx ihallas manteniment lill-attrici ghat-tifla minuri izda kien jaghti flus direttament lit-tifla ta' circa LM100 fix-xahar u rigali ghal bzonnijiet taghha liema fatt jinsab konfermat mill-istess tifla, dan pero' ma jezonerahx mill-obbligu impost fuqu mill-Qorti li jhallas il-manteniment tat-tifla lill-attrici. Il-Qorti ordnat li dan il-manteniment jithallas lill-attrici u hekk kellu jsir, *multo magis* tenut kont tal-fatt li t-tifla kienet fil-kustodja effettiva taghha.

"Rigward l-ammonti li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' €5,031.45[15] mghoddija mill-attrici lill-konvenut sabiex, wara li dan gie zgumbrat mid-dar matrimonjali, jkollu ammont ta' sostenn finanzjarju sabiex jsib fejn joqghod, ghal-perijodu li jestendi minn Jannar 2002 sa Gunju 2003 u ghal perijodu li jestendi minn Lulju 2002 sa Awissu 2003, il-Qorti tenut kont li l-htija tal-firda tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, u tenut kont ukoll li d-dekadenza tal-konvenut ghall-finijiet tal-artikolu 48 tal-Kap.16 bdiet tiddekorri mill-31 ta' Dicembru 1999, il-pretensjoni tal-attrici f'dan ir-rigward hija legalment sostenibbli, u l-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici l-imsemmi ammont.

"Ghall-istess ragunijiet il-konvenut hu ordnat ukoll li jhallas lill-attrici s-somma ta' €1,066.85 rapprezentanti ammont ta' taxxa mhallas minnha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq is-sehem tal-introjtu tieghu minn negozju.[16]

"Decide

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut dwar l-kompetenza ta' din il-Qorti, u fit-tieni lok tghaddi biex tiddecidi fuq it-talbiet attrici kif ser jinghad:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara li l-konvenut kien esklussivament responsabbli ghat-tkissier taz-zwieg bejn il-partijiet, izda tastjeni milli f'dan l-istadju tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-kawza;

"[2] tichad it-tieni talba attrici limitatament fis-sens li l-konvenut mhux qed jigi ordnat ihallas manteniment lill-attrici, la ghaliha u lanqas ghat-tifla li llum hija maggiorenni, izda tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €5,031.45 manteniment arretrat dovut lill-attrici ghat-tifla fiz-zmien li din kienet minuri kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata **"Manteniment";**

"[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, stante li t-tifla llum hija maggjorenni;

---
[15] Vol.1 – Fol. 199 – prospett guramentat
[16] Ara dokument fol.201

"[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' it-talba, stante li t-tifla llum hija maggjorenni;

"[5] tilqa' il-hames t-talba limitatament fis-sens li tillikwida u tassenja l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata "**Komunjoni tal-akkwisti";**

"[6] tilqa' is-sitt talba u tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut, dekorribbli mill-31 ta' Dicembru 1999;

"[7] tilqa' s-seba' talba;

"L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut."

Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu giet ordnata z-zieda ta dan il-paragrafu wara l-kelma "l-immobbli":

*L-imsemmi sehem tal-attrici jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dak li hu dovut lill-konvenut huwa nofs dan is-sehem, bhala sehmu mill-istess komunjoni*;

Rat id-digriet tal-21 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu giet awtorizzata korrezzjoni billi minflok is-somma imsemmija ta' 5031.45 euros dahlet is-somma ta' 6657.35 euros;

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha tirriformaha billi:

"Fir-rigward tat-tieni talba, tordna lill-konvenut ihallas ghal manteniment lill-attrici fis-somma ta' €6,6657.35, kif ukoll is-somma ta' €5,031.45 u s-somma ta' €1,066.85 bhala ammonti li kienet hallset l-attrici lill-konvenut;

> "Fir-rigward tal-hames talba, tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u jigi ddikjarat illi peress illi l-konvenut huwa unikament u esklussivament responsabbli ghal firda u ghall-annullament taz-zwieg tal-partijiet, il-konvenut tilef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skond il-ligi u dan mid-data taz-zwieg annullat (is-16 ta' Mejju 1982) u *se mai* jigi ordnat li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma skond il-pjan ta' qasma a fol 35 tal-process;
>
> "Fir-rigward tas-sitt talba, tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut, dekorribbli mid-data taz-zwieg, cioe` mis-16 ta' Mejju 1982.
>
> "B'dan illi ghar-ragunijiet kollha suesposti l-attrici appellanta ma ghandiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont likwidat mill-komunjoni tal-akkwisti kif spjegat f'dan ir-rikors ta' l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istani kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz tieghu sostanzjalment qal li s-sentenza appellata hija invece gusta u timmerita konferma;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet itrattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

AGGRAVJI TAL-APPELLANTI

Qabel xejn tajjeb jigi rilevat li l-ewwel talba tal-appellanti fir-rikors taghha giet sorvolata permezz tad-digriet tal-21 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjoni mitluba.

Illi **l-ewwel aggravju** tal-attrici *huwa li ma hemmx riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijet taghha kif ukoll diversi provi dokumentarji u allura s-sentenza tikkontjeni nuqqas fl-apprezzament tal-provi u fl-apprezzament tal-principji legali fir-rigward tal-Artiklu 48 (1) (c) tal-Kap. 16 u tal-Artiklu 20 (3) tal-Kap. 255.*

Kemm il-darba inghad minn din il-Qorti illi hija tbiddel apprezzament tal-ewwel Qorti, biss "*ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara*". L-istess principju gie ribadit fil-kawzi fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti"* u **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni*

*jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v Id-Direttur tas Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).**

F'dan l-aggravju l-appellanti tghid li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ikkonkludiet illi l-probemi fiz-zwieg bdew fl-1999 izda ferm qabel u kwindi kellha tiddikjara li s-sanzjoniet kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenut kelhom jibdew jiddekorru minn qabel dik is-sena – hija addirittura tghid li ghandhom japplikaw sa mid-data taz-zwieg peress li l-appellat kien in mala fede fil-konfront taghha sa mill-bidu taz-zwieg kif tikkonferma s-sentenza fil-kawza tal-annullament bejn il-partijiet li giet allegata mal-process tal-kawza odjerna.

Ghandu jinghad li mis-sentenza imsemmija jirrizulta li l-konvenut kien konsapevoli mit-tendenzi omosesswali tieghu sa minn qabel iz-zwieg u kwindi skont is-sentenza huwa kien qarraq bl-attrici tant li din kienet wahda mir-ragunjiet li wasslet lil dik il-Qorti tilqa' t-talba ghad-dikjarazzjoni tal-annullament taz-zwieg. Oltre dan jidher ukoll mill-assjem tal-provi li l-problemi bejn il-partijiet bdew hafna qabel l-1999 anke skont id-desposizzjoni ta' binthom li assistiet ghal diversi xeni ta' inkwiet fil-familja.

L-argument principali tal-appellanti allura huwa li skont l-interpretazzjoni taghha tal-Artiklu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) l-appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha; dan l-artiklu jghid hekk:

**20**. (*1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm issentenza ta' nullità tkun saret* ***res judicata*** *meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.*

L-Artiklu 48 tal-Kodici Civili jghid hekk:

**48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-Artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-apellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-

appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in bona fede; l-appellat zgur li kien jaf li kellu tendenzi omossesswali u allura kien in malafede. Naturalment hemm kwistjonijet ohra li se jigu trattati aktar 'il quddiem, izda ghal din il-Qorti ladarba z-zwieg kien null **ab initio**, l-effetti favur l-appellanti u kontra l-appellat ghandhom jitqiesu li bdew fid-data taz-zwieg.

L-appellanti ghandha wkoll ragun tghid li mhux minnu li l-appellat kellu introjtu settimanali ta' bejn Lm250 u Lm350; fil-fatt minn dokumenti esebiti minnu stess jirrizulta li l-qliegh tieghu fis-sena 2000 kien ta' cirka Lm3,500 u tela' ghal cirka Lm6,000 aktar tard (fol 99). Dan huwa importanti minhabba l-assenjazzjoni tal-propjeta` li giet akkwistata mill-partijiet matul iz-zmien. Ghandha wkoll ragun izzid li fis-sentenza appellata ma hemm ebda referenza ghall atti ta' donazzjoni esebiti a fol 451 u 462 minn fejn jirrizulta li hija flimikien ma' hutha irceviet somom sostanzjali minghand missierha li naturalment ukoll ghandhom importanza fl-apprezzament ta' kif gew akkwistati l-propjetajiet.

Taht din il-parti tal-aggravju l-appellanti tilmenta wkoll mill-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-mobbli fejn hija giet ordnata thallas nofs il-valur tal-mobbli fid-dar u somma ohra ta' 9256 euros bhala kreditu tal-konvenut mill-komunjoni. Hija tghid li dawn l-oggetti inxtraw minn flusha u ghalhekk ghandhom jigu assenjati lilha minghajr hlas lill-konvenut.

Filwaqt li din il-Qorti taqbel li l-appellanti spjegat tajjeb kif dawn l-oggetti inxtraw u allura ghandhom jigu assenjati lilha minghajr ma thallas xejn, ma hemmx dubbju li s-somma ta' 9256 euros hija dovuta kif spjegat l-ewwel Qorti u din il-parti tas-sentenza ghandha tigi konfermata.

**It-tieni aggravju** huwa li s-sentenza appellata mhijiex sufficjentement cara fir-rigward tal-ammonti dovuti mill-konvenut bhala manteniment u fir-rigward tad-dejn dovut lill-missier l-attrici li ghandu jitnaqqas mill-komunjoni tal-akkwisti.

Inkwantu ghal manteniment kif gia` issemma dan gie kjarifikat permezz tad-digriet illi tat l-ewwel Qorti fuq rikors tal-istess appellanti fil-waqt li fejn jirigwardja d-dejn dovut lill-missier l-attrici l-istess appellanti ghandha ragun tghid li dan ma giex konsidrat, izda minhabba dak li se jigi provdut f'din is-sentenza ma hemmx lok ta' deliberazzjonjiet ulterjuri.

**It-tielet aggravju** huwa l-konsegwenzi ta' dak li gia` issemma. Fl-ewwel parti l-appellanti terga' tirreferi ghall-kwistjoni tal-manteniment illi kif gia` issemma giet korretta.

It-tieni parti tal-aggravju hija l-aktar parti kontestata bejn il-partijiet; skont is-sentenza tal-ewwel Qorti l-appellanti kellha thallas nofs il-valur tal-proprjetajiet illi gew akkwistati fiz-zwieg u li huma fil-lista li giet

prezentata mill-istess appellanti, sakemm ma tkunx saret qasma miftehma bejniethom fi zmien sena. Naturalment meta ghamlet dan il-Qorti hadet in konsiderazzjoni kull akkwist li kien sar qabel l-1999, id-data li hija ikkonsidrat bhala dik li fiha itterminat il-komunjoni tal-akkwisti.

In vista tar-rizultanzi tas-sentenza fil-kawza tal-annullament din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artiklu 20 tal-Kap. 255. Apparti dan, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza lil din il-Qorti jirrizultalha bla ebda dubju li l-akkwisti li saru wara li l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg saru kollha minhabba l-fatt li l-appellanti kienet, bl-ghajnuna ta' missierha taghmel dawn l-akkwisti flimkien ma' hutha. Il-kontribuzzjonijiet da parti tal-appellat, jekk ezistew, kienu minimi. Bl-introjtu illi huwa stess iddikjara mill-attivita` tieghu ghas-snin in kwistjoni, huwa evidenti li qatt ma seta' ikkontribwixxa biex giet akkwistata dik il-proprjeta` kollha. Tant hu hekk li l-akkwisti kollha saru mill-appellanti flimkien ma' hutha. Huwa minnu li jirrizulta li l-appellat kien ta prokura lill-appellanti biex tidher fil-kuntratti kollha f'ismu wkoll, izda jidher li dan sar aktar ghall-konvenjenza (biex ma jkunx dejjem prezenti ghall-publikazzjoni tal-atti) milli ghal xi raguni ohra. Hu x'inhu din il-Qorti taqbel li l-akkwisti relattivi saru bil-hila u l-mezzi tal-appellanti u huwa gust li dawn il-proprjetajiet jigu assenjati lilha, b'dan li kif issuggeriet hija stess fin-nota taghha fl-istadju bikri tal-kawza, l-appellat jigi assenjat zewg plots fabbrikabbli f'Marsascala. Jirrizulta pero` li l-partijiet ma ghandhomx din il-proprjeta`

wahedhom u ghalhekk minflok il-Qorti se tassenja lill-appellant appartament il-Qajjenza Birzebbuga mit-tnejn li hemm biex ma jkunx hemm kwistjonijiet ulterjuri. Ladarba l-appellanti se tigi assenjata l-proprjetajiet imsemmija hija ghandha thallas xi djun relatati maghhom, anke jekk dovuti lil missierha.

**RIKORS TAL-ATTRICI FIR-RIGWARD TAL-KAWTELA**

L-appellanti ipprezenta wkoll rikors fis-6 ta' Novembru 2015 fejn talbet li din il-Qorti tirrevedi l-kawtela mahduma mir-Registratur tal-Qrati. Eventwalment hija xorta wahda iddepositat l-ammont intaxxat.

Din il-Qorti hadet decizjoni bhal dik li qed tintalab fil-kawza fl-ismijiet **Heritage Estates Limited v. Dottor Victor Ragonesi nomine** deciza fit-3 ta' Dicembru 2004; dak in nhar il-Qorti iddecidiet dan il-punt meta tat is-sentenza finali taghha.

L-appellanti qed targumenta li r-registratur kellu jintaxxa l-kawtela fuq il-parti tal-valur indikati fir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar li kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u mhux fuq l-ammont kollu peress li huwa evidenti li partjiet mill-valur huwa proprjeta` ta' terzi. Kif jidher minn dak li gia` issemma, l-appellanti f'dan ir-rigward ghandha ragun u allura li t-taxxa tal-kawza kellha issir skont l-ammont dovut lill-partijet

f'din il-kawza.  Huwa probabbli illi r-registratur gie zgwidat mill-fatt li l-unika somma imsemmija hija dik totali.  Madankollu ghandu wkoll ragun l-appellat meta fir-risposta tieghu jindika li hemm proprjetajiet ohra u li l-ammont totali dovuti lill-partijiet huwa ta' 3,483,516 euros u huwa fuq dan l-ammont li ghandha tinhadem it-taxxa.

Ghaldaqstant din il-Qorti tordna lir-registratur biex jirregola ruhu bil-mod kif gia` inghad u jawtorizza r-rifuzjoni lill-attrici appellanti ta' kull eccess minnu iddepozitat li jmur kontra dan il-provvediment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghal-ewwel, it-tieni (kif korretta), it-tielet, ir-raba' u seba' talbiet;  tilqghu kif se jinghad:-

- fir-rigward tas-sitt talba tordna li l-provvedimenti tal-Artiklu 48 jibdew japplikaw mid-data taz-zwieg;

- fir-rigward tal-hames talba tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti b'dan il-mod;

l-appellanti tigi assenjata:

l-ghamara fil-fond matrimonjali, nofs l-ishma B li l-partijiet ghandhom mal-Bank of Valletta, nofs il-kontijiet bankarji li l-partijiet ghandhom f'isimhom flimkien, l-ishma fis-socjeta` SMC Development Limited u l-ishma indivizi fil-proprjetajiet kollha indikati minnha fi Skeda A fol 38 sa 41 tal-process salv dawk li se jigu assenjati lill-appellat aktar 'il quddiem – kull dejn ma' missierha ghandu jkun dovut minnha stess; il-vettura Volkswagen b'dan li tghaddi nofs il-valur taghha kif deciz mill-ewwel Qorti lill-konvenut; u thallsu s-somma ta' 9,256 euros kif gia` spjegat anke mill-ewwel Qorti;

l-appellat jigi assenjat:

l-ishma kollha fis-socjeta` HQ & Company Limited; nofs l-ishma B li l-partijiet ghandhom mal-Bank of Valletta, nofs il-kontijiet bankarji li l-partijiet ghandhom f'isimhom flimkien, djun ikkuntrattati a vantagg tieghu u appartament numru 5 il-Qajjenza Birzebbugia;

- Tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Abigail Critien bhala kuratur tal-eventwali kontumacji – l-att ghandu jigi pubblikat f'data u lok li jigu iffissati mill-Qorti fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet jew minn Nutar imsemmija. L-

ispejjez tal-kuntratt jithallsu mill-partijiet skont is-sehem spettanti lilhom mill-att.

L-ispejjes tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi minn dik il-Qorti;

Fir-rigward tal-ispejjez tal-appell, dawn ukoll jithallsu mill-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb